# <u>U MHUX L-ISPTAR IL-ĠDID BISS.....</u>

Imma fuq kollox l-isptar il-ġdid. Dak il-proġett li, nhar l-Imnarja 2007, tlesta għal kollox skond il-wegħda sollenni magħmula mill-Prim Ministru Gonzi aktar minn 3 snin ilu u mwettqa skond l-aqwa kriterji. Mgħoddi mill-kuntrattur li bnieh lil Prim Ministru f'isem il-poplu malti.

Min mar jara l-isptar il-ġdid beda jifhem u jikkonvinċi lilu nnifsu li dak il-proġett mhux kliem fieragħ u ta' propaganda. Imma rejalta tanġibbli. Kif setgħu jixhdu dawk it-80,000 ruħ li marru jżuruh fl-ewwel jumejn li nfetaħ għall-pubbliku. Żewġ Mass Meetings kbar ta' 35 elf fl-ewwel jum u 45 elf fit-tieni jum li rrispondew għas-sejħa tal-Gvern Nazzjonalista biex jaraw b'għajnejhom gvern serju u dinamiku x'kapaċi jagħmel għal dan il-pajjiż. Eluf kbar, li, igħidu x'igħidu l-*opinion polls* xjentifiċi iżda anonimi, marru jivvutaw b'saqajhom u jaffermaw il-fiduċja tagħhom fil-gvern immexxi mill-P.N. Ċertament li l-iSptar Mater Dei huwa l-aqwa u l-ikbar proġett imwettaq minn Gvern Nazzjonalista li issa ilu qrib l-20 sena jmexxi lil Malta.

Imma mhux l-Isptar il-ġdid biss. Dan ma kienx l-uniku proġett kbir imfassal b'għaqal u mwettaq b'attenzjoni għad-dettal minn gvern elett mill-poplu u għall-poplu kollu sa mill-1987. Bħala politiku, lili jjinteressani kollox. Jinteressani l-mod kif dal-gvern ġab id-demokrazija sħiħa fil-pajjiż, kif ġab il-finanzi tiegħu fuq is-sod, kif għolla l-livell ta' l-edukazzjoni, kif żied l-impjiegi sena wara sena wara sena, kif saħħaħ l-istituzzjonijiet tal-pajjiż, jiġifieri l-qrati, il-pulizija u l-armata, is-servizz pubbliku, ix-xandir nazzjonali, kif ta lil pajjiż il-livell għoli ta' ħajja li tixraqlu, u mitt ħaġa oħra. Imma ovvjament bhala perit nistqarr li jinteressawni ħafna l-proġetti kbar li wettaq Gvern Nazzjonalista f'dan ir-rigward.

Kieku int li qed taqra kellek tkun waqt *quiz* u jsaqsuk liema huma l-aktar 5 proġetti infrastrutturali li wettaq Gvern Nazzjonalista, liema kont issemmi?? Int li tħobb tikkritika kull pass li jagħmel dal-gvern, għandek ħjiel ta' kif dan l-istess gvern biddel wiċċ dal-pajjiż? Ħalli ngħinek ftit, imbagħad ara int liema minnhom tagħżel:

+ **Power Station** f'Marsaxlokk... dik li Karmenu Mifsud Bonnici kien qabbad in-nies imorru jimbarraw bil-ġebel saħansitra l-ewwel ħitan li kienu telgħin, wara li fi żmienu konna ngħixu għal ġimgħat sħaħ fid-dlam;

+ **Airport Terminal** ta' lussu, modern u effiċjenti li ħa post dak li kien iħammrilna wiċċna quddiem il-barranin li kienu jiġu fostna...

+ **Reverse Osmosis** għal wieħed tnejn tlieta erbgħa... biex ikollna l-ilma kuljum

+ **Toroq arterjali** ta' l-aqwa kwalita: il-**Mini ta' Santa Venera**, katina ta' toroq komdi, lussużi, ħafna minnhom b'kareġġjata doppja li minn **Birżebbuġa** saru jwassluk saċ-**Ċirkewwa;**

+ **Skejjel**: Junior Lyceums, kollha, kif igħidu bl-ingliż "*state of the art*": tal-bniet ta' **Santa Luċija,** tas-Subien ta' **San Leonardu** f'Ħal-Kirkop, il-ġdid li qed jinbeba **f'tal-Ħandaq** għas-subien, ieħor il-**Mosta** għall-bniet u dak tal-**Victoria** f'Għawdex

+ **Pjanti tar-riċiklaġġ** biex l-iskart li jinġabar ikun jista' jiġi riċiklat u ħafna affarijiet minnu jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw

+ Restawr ta' **ġonna pubbliċi** – Hastings, iż-żewġ Barrakki tal-Belt, swar, palazzi, bereġ, il-mina tal-Bombi u għexieren ta' proġetti oħra żgħar imwettqa mill-Kunsilli Lokali bil-fondi li jagħtihom il-Gvern Nazzjonalista.........

+ Il-proġett tal-***Valletta Waterfront*** u r-restawr ta' l-Imħażen ta' Pinto

+ Il-proġetti ta' **toroq f'Għawdex** li lkoll flimkien issa appena tinżel minn wieħed mit-3 vapuri komdi tal-Gozo Channel, mill-Imġarr iwassluk sas-Santwarju ta' Pinu;

+ Il-proġett li biddel wiċċ il-Kottonera – il-***Vittoriosa Waterfront*** bir-restawr tal-Palazzi u tal-bini li hemm; u meta jkun lest ukoll il-proġett tan-***No.1 Dock*** ikun hemm triq li ddur dejjem mal-baħar u li minn Bormla ddur mal-Birgu u tkompli max-xatt tal-Kalkara u twasslek saċ-Ċentru Internazzjonali tar-Restawr ta' Bighi;

+ Il-proġett ta' **mijiet ta' toroq f'irħula u bliet ta' Malta u Għawdex** li ilhom lesti għexieren ta' sin u li kienu baqgħu fi stat kritiku u oħrajn li qegħdin fi stat tal-biki;

Insomma taqta nifsek issemmi l-proġetti kollha li wettaq dal-gvern minkejja d-difetti u l-limitazzjonijiet tiegħu. U ħallejt bosta barra. Forsi jkun hawn minnkom il-qarrejja li jikteb lill-Editur u jsemmilu kemm proġetti u xogħoljiet insejt insemmi jien. Jekk inhu hekk toqgħodx tiddejjaq. Ma niħux fastidju jekk tfakkar lili u lill-qarrejja tampari li għadhom ta' eta żagħżugħa bil-ġid kbir li għamel dal-gvern saħansitra anki meta aħna konna għadna fuq il-bankijiet ta' l-iskola. Jien ħaġa waħda biss iddejjaqni. Dik li jkun hawn min jinsa dana kollu minħabba xi fettuqa jew minħabba l-egoiżmu ta' moħħu.
Kelma ta' l-aħħar: Dal-gvern ħaqqu apprezzament tax-xogħol enormi li wettaq. Seddaq ħidmietu bil-vot tiegħek u aħdem ħalli tiggarantilu li jkompli hekk għas-snin li ġejjin!

---

Philip Mifsud
PN Candidate – 7th District